# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 4**

**Rikors numru 471/08 AGV**

**Joseph Grech**

**v.**

**Maria Rita Grech**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza titratta appell tal-konvenuta minn sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tal-31 ta' Mejju, 2018 f'kawża li fiha l-attur talab lill-qorti sabiex:-

> *"1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni legali bejn il-partijiet kontendenti b'rizultat ta' l-adulterju kommess mill-konvenuta fil-konfront ta' zewgha l- esponent kif fuq inghad, u ghal dan il-ghan tistabbilixxi d-*

*data li fiha l-konvenuta ghandha tigi konsiderata li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju;*

*2. "Tiddeciedi li b'effett mid-data li fiha jigi hekk stabbilit li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju hija ddekadiet mid-dritt taghha li tezigi l- manteniment minghand zewgha l-esponent, u konsegwentement;*

*3. "Tiddeciedi li b'effett mid-data hawn fuq imsemmija spicca d-dritt ta' l- istess konvenuta li tezigi l-manteniment ghaliha minghand l-esponent ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni li gie maghmul bejn il-partijiet, kif gie spejgat, fil-15 ta' Dicembru, 2000;*

*4. "Tillikwida l-manteniment li jirrizulta, ghalhekk, li gie mhallas indebitament mill-esponent lill-konvenuta, mid-data li fiha jkun stabbilit li hija rrendiet ruhha hatja ta' adulterju fil-konfront tieghu sad-data tas-sentenza, u*

5. *"Tordna lill-konvenuta li thallas lura lill-esponent il-manteniment li kif inghad jirrisulta li thallas lilha mill-esponent indebitament flimkien ma' l-imghax legali relattiv".*

2. Is-sentenza ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuta li kienet fis-sens li wara s-sentenza ta' divorzju tat-22 ta' Ottubru, 2012 (145/2012) li hi *res judicata*, l-azzjoni għall-firda personali hi insostenibbli minħabba li ż-żwieġ inħall.

3. Fis-sentenza l-ewwel Qorti rraġunat li:-

*"Huwa minnu li bix-xoljiment taz-zwieg fil-mori ta' din il-kawza, il-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet ma ghadhiex iktar guridikament koncepibbli, izda l-Qorti hija tal-fehma li l-argument tal-konvenuta li d-divorzju miksub fil-mori ta' din il-kawza jirrendi improponibbli l-azzjoni attrici fejn qed jintalab dikjarazzjoni ta' dekadenza mid-dritt li l-konvenuta tibqa' tippercepixxi l-manteniment minghand l-attur ma hiex legalment fondata.*

*"......... din il-Qorti tqis illi x-xoljiment supervenjenti taz-zwieg permezz ta' pronunzjament ta' divorzju ma jinnewtralizzax u ma jgibx fix-xejn l-effetti tal-ksur tal-obbligi naxxenti mill-vinkolu matrimonjali waqt li dan ikun ghadu fis-sehh bejn il-partijiet, multo magis meta t-talba ghal dikjarazzjoni ta' dekadenza u kwindi ghall-pronunzjament tal- firda mill-*

*gdid bejn il-partijiet ikunu saru tempestivament u fi zmien meta d-divorzju lanqas kien introdott fis-sistema legali ta' pajjizna.*

*"F'dawn ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, il-Qorti ma taqbilx lanqas illi dak l-insenjament tal-qrati li jesigi, anke wara s-separazzjoni legali bejn il-konjugi, talba ad hoc ghall-pronunzjament mill-gdid tal-firda li hija preordinata ghat-talba ghad-dekadenza mid-dritt ghall-mantenment f'kaz ta' adulterju kommess wara l- firda, ghandu jsib applikazzjoni tant inflessibbli li jasal biex ixejjen l-azzjoni tal- attur f'dan il-kaz fejn, kif stabbilit, l-azzjoni odjerna giet espeD validament u tempestivament waqt is-separazzjoni legali tal-partijiet u kienet ukoll proceduralment in linea mar-rekwiziti tal-gurisprudenza in materja. Meta intavola l-kawza odjerna, l-attur ma kellux mod iehor skont il-ligi kif jista' jezonera ruhu mill-obbligu tieghu li jmantni lil martu minnha separat legalment hlief billi jottjeni dikjarazzjoni tad-dekadenza taghha minn dan id-dritt f'kawza ta' separazzjoni, kif del resto ghamel b'din l-azzjoni tieghu.*

*"Il-Qorti wara li hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni tikkonkludi illi d-divorzju supervenjenti, miksub a tenur tal-procedura skont l-Artikolu 66D tal-Kap, 16, ma ghandux jitqies li jirrendi irritwali l-uniku mezz procedurali li kellu u ghandu a dispozizzjoni tieghu l-attur biex jinheles mill-obbligu tal-manteniment lejn martu, jekk tabilhaqq jintwera li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju fil-konfront tieghu qabel id-divorzju.*

*"Maghdud ma' dan hemm ukoll il-kunsiderazzjoni illi fir-rikors promotur, oltre ghat-talba ghall-pronunzjament mill-gdid tal-firda bejn il-partijiet minhabba adulterju, l-attur talab ukoll li tigi stabbilita d-data li fiha l-konvenuta ghandha tigi kkunsidrata li rrendiet ruhha hatja tal-firda, u l-applikazzjoni minn dik id-data tad- dekadenza ghad-dritt taghha ghall-manteniment minhabba adulterju kommess. Isegwi ghalhekk li xejn ma jipprekludi l-pronunzjament mill-gdid tas-separazzjoni b'rabta specifika mad-data li fiha l-attur talab li jigi stabbilit li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju. Huwa evidenti li l-adulterju allegat mill-attur fir-rikors promotur, sehh qabel il-hall taz-zwieg u kwindi fi zmien meta l-partijiet kienu ghadhom marbuta bl-obbligu tal-fedelta` reciproka. Konformament mal- premess, il-Qorti tqis li sussegwentement ghall-hall taz-zwieg de quo, xejn ma josta li l-firda mill-gdid kif mitlub fl-ewwel talba attrici tigi pronunzjata b'effett minn dik id-data li tigi stabbilita mill-Qorti li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja tal- adulterju, liema data tkun anterjuri ghas-sentenza tad-divorzju. B'dan il-mod, il- pronunzjament mill-gdid tas-separazzjoni ikun jiswa ghall-finijiet u fil-parametri taz-zwieg li kien ghadu fis-sehh qabel gie xjolt b'effett tas-sentenza tad-divorzju.*

*"In konkluzjoni, u b'referenza ghas-sottomissjoni tal-konvenuta illi l-azzjoni attrici, fic-cirkostanzi, setghet tissalva biss kieku d-dekadenza mid-dritt ghall- manteniment gie pattwit espressament bejn il-kontendenti fil-kuntratt ta' separazzjoni, il-Qorti ma taqbel xejn ma' din l-osservazzjoni. Kif gia` stabbilit, il- Qorti galadarba giet mitluba*

> *tistabbilixxi wkoll id-data li fiha l-konvenuta rrendiet ruhha hatja tal-firda minhabba adulterju, m'hija bl-ebda mod prekluza milli tippronunzja s-separazzjoni mill-gdid, f'kaz li jigi ppruvat l-adulterju tal- konvenuta, b'effett minn dik id-data li jigi stabbilit li fiha hi rrendiet ruhha hatja ghall-firda f'data anterjuri ghad-divorzju bejn il-partijiet".*

4. Il-konvenuta appellat mis-sentenza u tilmenta li ġialadarba separazzjoni oħra m'hijiex possibbli wara s-sentenza li bih inħall iż-żwieġ, m'għadx hemm iktar bażi għall-azzjoni tal-attur li sabiex tirnexxi teħtieġ dikjarazzjoni mill-ġdid tas-separazzjoni. Billi ż-żwieġ inħall, dak l-istat m'huwiex iktar riversibbli bħala stat ta' fatt jew ta' dritt. Fiċ-ċirkostanzi argumentat li l-ewwel Qorti kellha tapplika l-prinċipju tal-*jus superveniens* u b'hekk tikkonkludi li bis-sentenza ta' divorzju, it-talbiet tal-attur ma kinux iktar proponibbli.

5. L-attur wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn l-appell tal-konvenuta għandu jkun miċħud.

**<u>Fatti</u>**.

6. Il-fatti prinċipali huma:

i. Il-partijiet infirdu b'kuntratt tal-15 ta' Diċembru, 2000 pubblikat min-nutar Marco Farrugia.

ii. Fil-kuntratt ġie ddikjarat li l-ħajja matrimonjali kienet tkissret b'mod irrimedjabbli. L-attur obbliga ruħu li jħallas Lm150 kull xahar lill-konvenuta u Lm100 għat-tlett itfal minuri.

iii. Fil-kuntratt m'hemmx klawżola li l-manteniment lill-konvenuta jieqaf f'każ li jkollha relazzjoni ma' ħaddieħor. Is-sospensjoni tal-manteniment hi kontemplata fl-eventwalita' li, *"... tkun qed taħdem u l-introjtu tagħha ikun ekwivalenti għal jew jissupera l-ammont li għandu jitħallas lilha skond dan il-kuntratt"*.

iv. Fl-10 ta' Diċembru, 2008 l-attur ippreżenta l-kawża u talab lill-qorti sabiex tiddikjara s-seprazzjoni bejn il-konjugi, minħabba adulterju tal-konvenuta. Talab ukoll ghal dikjarazzjoni li l-konvenuta ddekadiet mill-jedd ta' manteniment u li m'għandhiex jedd għall-manteniment miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni. Talab ukoll lill-qorti sabiex tillikwida u tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lura l-manteniment li rċeviet mid-data li jiġi stabbilit li seħħ l-adulterju.

v. Fit-2 ta' Marzu, 2012 il-konvenuta ppreżentat rikors fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fejn talbet li jinħall iż-żwieġ (**Maria Rita Grech v. Joseph Grech**, 145/2012).

vi. Fit-3 ta' Ottubru, 2012 l-attur wieġeb li jeżistu l-kondizzjonijiet skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, sabiex jingħata d-divorzju.

vii. B'sentenza tat-22 ta' Ottubru, 2012 (rikors 145/2012) l-istess qorti ppronunzjat id-divorzju bejn il-kontendenti. Sentenza li hi ġudikat.

**Konsiderazzjoni**.

7. Il-gurispendenza lokali tikkontempla l-possibilta` li wara li koppja miżżewġa tinfired legalment, waħda minnhom tista' tipproponi kawża ta' separazzjoni personali għal raġuni differenti. Hekk pereżempju fis-sentenza **Dottor Giuseppe Mifsud Bonnici nomine v. Dottor Hugh McKibben** tas-16 ta' Novembru, 1965 (Vol. XLIX.ii.1056):

> *"Li tant fid-dottrina ġuridika kif fil-ġurisprudenza nostrali nasibu affermat il-prinċipju li l-fatt li bejn il-miżżewġin ġa ġiet mogħtija sentenza ta' separazzjoni personali (fil-każ preżenti kuntratt ta' separazzjoni) kontra wieħed mill-konjuġi ma hux ta' ostakolu illi l-konjuġi dikjarat ħati f'dik is-sentenza jitlob is-separazzjoni tiegħu kontra l-konjuġi l-ieħor għal ħtijiet ta' dana fuq fatti li graw wara s-sentenza ......*
>
> *"Ir-raġel li jkun mifrud minn martu ma jistax jippretendi d-dekadenza ta' martu mid-dritt għall-alimenti tagħha kontra tiegħu mingħajr ma jagħmel qabel kawża ta' separazzjoni personali fuq kawżali ta' adulterju, li kienet eskluża fil-motivi ta' separazzjoni u ssopravveniet wara".*

8. Hekk ukoll fis-sentenza **Blackman v. Blackman** tal-24 ta' Marzu, 1954 (Vol. XXXVIII.ii.466), il-Prim'Awla qalet:

> *"xejn ma jiswa' li l-partijiet huma separati għaliex dik is-separazzjoni tagħmel stat bejniethom fuq il-fatt li tiddeterminaha, jiġifieri*

> *inkompatibilta' ta' karattru u raġunijiet oħra validi fil-liġi, iżda żgur mhux ukoll fuq adulterju għaliex fil-kuntratt ta' separazzjoni ġiet eskluża, jew aħjar ma saret ebda riserva għaliha, jekk kellu jinqala' l-każ,* ***u ebda ostakolu ma jista' jkun hemm għal domanda ta' separazzjoni bejn l-istess kontendenti fuq fatti posterjuri****".*

9. Imbagħad din il-Qorti fis-sentenza **Francis Bugelli v. Josephine Borg** tas-26 ta' Marzu, 1996 osservat:

> *"Iżda l-Qorti tissottolinja li l-konsegwenzi li jissemmew fl-artikolu 48 u 52 tal-Kodiċi Ċivili huma proprjament applikabbli f'kawża fejn ikun hemm talba ad hoc sabiex tkun ippronunzjata l-firda bejn il-konjuġi. Din ir-regola toħroġ mil-lokuzzjoni ċara tal-liġi stess kif ukoll mill-insenjament kontenut fid-dottrina u fil-ġurisprudenza tat-tribunal taghna".*

10. Iż-żwieġ iġib miegħu l-obbligu reċiproku tal-manteniment (Artikolu 3 tal-Kodiċi Ċivili), kif ukoll l-obbligu tal-fedelta`. Bis-separazzjoni jispiċċa l-obbligu tal-koabitazzjoni (Artikolu 34 tal-Kodiċi Ċivili). M'hemmx dispożizzjoni simili fir-rigward tal-obbligu tal-miżżewġin li jkunu fidili lejn xulxin (Artikolu 2).

11. Skont l-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, parti li tkun il-ħtija tal-firda personali minħabba waħda mir-raġunijiet li jissemmew fl-Artikoli 38 u 41 tal-Kodiċi Ċivili, titlef il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra,

> *".... f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ".*

12. Il-ġurisprudenza hi ċara fis-sens li dekadenza mill-manteniment skont l-Artikolu 48, tista' sseħħ f'kawża fejn ikun hemm talba għal dikjarazzjoni ta' firda bejn il-konjuġi.

13. M'hemmx dubju li hekk kif is-sentenza tad-divorzju tat-22 ta' Ottubru, 2012 saret *res judicata*, inħall iż-żwieġ bejn il-kontendenti. Is-sentenza ta' divorzju topera *ex nunc*.

14. Il-konvenuta tippretendi li minn meta s-sentenza ta' divorzju saret *res judicata*, il-Qorti kompetenti ma tistax iktar tiddikjara l-firda personali għaliex m'għadx hemm żwieg. B'dak ir-raġunament jiġi li l-attur m'għandux rimedju.

15. L-għan wara l-kawża li ppropona l-attur hu sabiex ma jibqax iħallas il-manteniment li jissemma fil-kuntratt ta' separazzjoni, għar-raġuni li wara s-separazzjoni l-konvenuta għamlet adulterju. Diment li kien għadu jeżisti ż-żwieġ, kien għadu possibbli għall-attur li jħarrek lil martu għall-firda. Il-ġurisprudenza hi ċara li kien biss f'kawża ta' firda li qorti setgħet tiddeċiedi li l-parti l-oħra għaż-żwieġ iddekadiet mill-benefiċċju tal-manteniment ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Pero` dik il-ġurisprudenza tapplika fejn il-partijiet ikunu għadhom miżżewġin. Għalhekk fejn iż-żwieġ ikun inħall, dik il-ġurisprudenza m'hijiex rilevanti.

16. Il-kawża ta' separazzjoni bdiet fl-10 ta' Diċembru, 2008 u sal-lum għadha pendenti. Madankollu għalkemm fit-22 ta' Ottubru, 2012 ingħatat is-sentenza ta' divorzju, l-attur għad għandu interess li jkun hemm deċiżjoni dwar jekk martu, f'xi żmien qabel is-sentenza ta' divorzju, ikkommettietx adulterju. Dan in kwantu jippretendi li ġialadarba martu kisret l-obbligu tal-fedelta` wara li sseparaw bonarjament, tilfet il-jedd tal-manteniment.

17. Il-qorti ma tara xejn irregolari li l-ewwel Qorti tikkonsidra l-każ fil-meritu sabiex tiddetermina:

i. Jekk kienx hemm adulterju min-naħa tal-konvenuta f'xi żmien wara li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni u qabel inħall iż-żwieġ, li seta' wassal għal separazzjoni bejn il-kontendenti fi żmien meta l-kontendenti kienu għadhom miżżewwġin;

ii. Fl-affermattiv, iż-żmien meta seħħ l-adulterju;

iii. Għandhiex tapplika s-sanzjoni kontemplata mil-liġi u fl-affermattiv b'effett minn meta;

18. Lill-qorti ma jirriżultalhiex li jeżisti xi ostakolu legali sabiex iżomm lill-ewwel Qorti milli tistħarreġ jekk f'xi żmien qabel is-sentenza ta' divorzju, il-konvenuta kkommettietx adulterju li kien iwassal għall-firda bl-

applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontemplata fl-Artikolu 48. Wara kollox il-kawża saret proprju sabiex l-attur ma jkomplix iħallas il-manteniment lil martu, billi qiegħed isostni li f'xi żmien qabel ippreżenta l-kawża kienet kisret l-obbligu tal-fedelta` u għaldaqstant ma kellux iktar l-obbligu li jmantniha.

19. Ovvjament illum m'għadux iktar possibbli li l-ewwel Qorti *"1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni legali bejn il-partijiet kontendenti b'riżultat tal-adulterju kommess mill-konvenuta fil-konfront ta' żewġha......"*. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-kumplament tat-talbiet ma jistgħux jiġu deċiżi.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-konvenuta u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti. Spejjeż tal-appell huma a karigu tal-konvenuta.**

**Ir-Reġistratur għandu jieħu ħsieb jibgħat l-atti lura lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) sabiex tissokta bis-smiegħ tal-kawża.**

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm